Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 604/2012AE

**Francis Abela**

**Vs**

**Edwin Mamo u martu Mary Mamo**

It-Tnejn, 2 ta' Mejju 2016.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-10 ta' Dicembru 2013 li biha cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u talbu lil din il-qorti biex thassar dik is-sentenza u s-sentenza li nghatat fl-24 ta' Marzu 2015 li biha gie deciz il-meritu.

Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fit-3 ta' Settembru 2012, l-attur harrek lill-konvenuti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u talab il-hlas ta' seba' mija u tmenin ewro (€780) ghal xoghol ta' tikhil. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kienet li l-azzjoni kienet preskritta skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

Fir-rikors tal-appell, il-konvenuti jsostnu li d-decizjoni tat-Tribunal kienet zbaljata peress li:

*"… assuma li ladarba x-xoghol in kwistjoni kien jikkonsisti f'xoghol ta' kisi, tibjid u xoghol relatat iehor, li tipikament isir minn bajjad, u ladarba dan l-imsemmi artikolu ma jsemmiex bajjada (liema sengha hija msemmija fl-artikolu 2148(a)), ix-xoghol in kwistjoni pprestat mill-appellat ma kienx jaqa' fl-ambitu tal-artikolu 2149(a) invokat mill-appellanti.*

*8. Illi fil-fatt ix-xoghol in kwistjoni huwa prevalent fih il-karattru spekulattiv li bih l-appellat li huwa kuntrattur tal-bini, aktar mill-opra nnifisha, ippresta x-xoghol, l-opus, li kienet konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici (billi l-appellat ipprovda zewg haddiema minn tieghu biex jaghmlu l-istess xoghol), cirkostanza din li timprimi lill-lokazzjoni karattru ta' att oggettivament kummercjali."*

Fit-twegiba (fol. 15), l-attur argumenta li l-konvenuti ma kellhomx dritt jappellaw minhabba li l-ammont tat-talba hu €780, f'liema kaz id-dritt ta' appell hu limitat ghal kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 380. Il-qorti ma taqbilx. Dak il-provvediment jghid espressament li ndipendentement mill-ammont tat-talba, jista' jsir appell *"fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni"*. L-appell tal-konvenut hu proprju fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li t-Tribunal iddecieda bis-sentenza tal-10 ta' Dicembru

2013. Ovvjament jekk l-appell jintlaqa', is-sentenza tal-24 ta' Marzu 2015 tigi bla effett.

L-Artikolu 2149(a) jipprovdi li hi preskritta bil-perjodu ta' sentejn:-

*"l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu".*

F'dan il-kaz it-Tribunal ikkonkluda li l-perjodu ta' sentejn kien ghadda peress li x-xoghol kien sar fit-2 jew 3 ta' Dicembru 2009, u fit-12 ta' April 2012 giet notifikata ittra ufficjali. Il-hlas li jippretendi l-attur kien t-tibjid ta' hajt divizorju. L-attur xehed:

*"Jien kont ghamilt uzu mis-servizzi ta' Francis Abela, biex isir xoghol ta' zebgha ma' hajt divizorju fil-verandah tad-dar tieghi. Il-hajt huwa ta' madwar 7 metri tul b'erbatax il-filata gholi. Ix-xoghol kien jikkonsisti billi titfarfar iz-zebgha li kienet qed taqa' u jinzebgha mill-gdid."*

It-Tribunal ikkonkluda li xoghol ta' tibjid ma kienx tat-tip ta' xoghol li hemm riferenza ghalih fl-Artikolu 2149(a).

Mill-atti hu evidenti li l-konvenuti ibbazaw l-aggravju taghhom fuq il-prova li x-xoghol sar minn haddiema tal-appellant, u ghalihom din kienet prova tal-karattru spekulattiv. Il-prova li x-xoghol effettivament sar minn tnejn min-nies, fosthom iben l-attur, ma jfissirx li x-xoghol sar minn kuntrattur organizzat f'azjenda. Dan apparti li l-Artikolu 2149(a) qieghed jikkontempla sitwazzjoni fejn il-kuntrattur ikun ghamel opra li tkun tal-gebel, injam jew materjal iehor. Tant hu hekk li l-provvediment stess qieghed jikkontempla azzjoni ghall-hlas ***"għall-opri maħdumin minnhom".*** F'dan il-kaz ma saret l-ebda opra izda semplicement xoghol ta' manutenzjoni fuq hajt divizorju li kellu bzonn passata zebgha.

**Ghal dan il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti Mamo**.

Anthony Ellul.